Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 21 ta' Jannar 2016
(OR. en)

5261/16

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2015/0096 (COD)**

CODEC 32
PECHE 9
PE 1

**NOTA TA' INFORMAZZJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009<br>- Eżitu tal-ewwel qari tal-Parlament Ewropew<br>(Strasburgu, mit-18 sal-21 ta' Jannar 2016) |

## I. INTRODUZZJONI

Il-Kumitat għas-Sajd ippreżenta 40 emenda għall-proposta għal Regolament (emendi 1-40). Barra minn hekk, il-grupp politiku S&D ippreżenta emenda waħda (emenda 41).

## II. DIBATTITU

Ir-Relatur, is-Sur Gabriel MATO ADROVER (PPE - ES), fetaħ id-dibattitu, li seħħ fit-18 ta' Jannar 2016, u:

- fakkar fiż-żieda fil-bijomassa tat-tonn f'dawn l-aħħar snin u fid-deċiżjoni konsegwenti li jiżdied il-volum tas-sajd;

- innota li l-għan tat-traspożizzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) huwa li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi fl-UE kollha. Din il-kwistjoni diġà ġiet deċiża u huwa ma xtaqx li jiftaħ il-kwistjoni mill-ġdid; u
- innota li l-proposta tal-Kummissjoni tittrasponi emendi futuri għall-pjan ta' rkupru attwali permezz ta' atti delegati. Il-Kumitat għas-Sajd huwa totalment kontra dan, għaliex jaħseb li t-traspożizzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandha tkun kompetenza konġunta tal-Parlament u tal-Kunsill. Din għalhekk għandha titwettaq permezz ta' kodeċiżjoni.

Il-Kummissarju VELLA tkellem u:

- laqa' r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd, għaliex kien fih xi suġġerimenti pożittivi;
- laqa' l-irkupru tal-istokk tat-tonn, iżda wissa kontra l-kompjaċenza. Il-pjan ta' rkupru tal-ICCAT fih miżuri kruċjali. Ħafna mid-dispożizzjonijiet tiegħu huma direttament applikabbli għall-Istati Membri kollha, iżda tinħtieġ it-traspożizzjoni biex tiġi żgurata l-konformità ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi. L-UE mhux biss għandha tikkonforma mal-obbligi internazzjonali tagħha, iżda wkoll iżżomm il-kredibbiltà tagħha fil-ġestjoni tas-sajd sostenibbli;
- esprima li huwa fiduċjuż li ser ikun possibbli li tiġi riżolta diverġenza bejn il-Parlament u l-Kummissjoni fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kompetenzi tal-istituzzjonijiet meta jiġu trasposti dispożizzjonijiet mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd;
- iddikkjara li l-Kummissjoni temmen bil-qawwa li għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati. Dan huwa minħabba l-frekwenza ta' emendi għall-pjan ta' rkupru fl-ICCAT u l-ħtieġa li tiġi inkorporata malajr kwalunkwe emenda futura fil-liġi tal-UE. Il-kodeċiżjoni spiss tipprevjeni l-implimentazzjoni ta' miżuri ġodda fil-ħin biex jiġi żgurat li l-UE tikkonforma mal-obbligi internazzjonali tagħha. L-atti delegati jemendaw biss l-elementi mhux essenzjali tal-atti leġislattivi. Dan jirrikjedi konsultazzjonijiet adatti, inklużi konsultazzjonijiet fil-livell ta' esperti. Dan jirrikjedi wkoll it-trażmissjoni f'waqtha u adatta ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill; u

- iddikkjara li l-Kummissjoni temmen ukoll li għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni, minħabba l-ħtieġa frekwenti li jiġi stabbilit kif għandhom jiġi inkorporati ċerti miżuri tal-pjan ta' rkupru fil-livell tal-UE. Dan huwa neċessarju sabiex jinkisbu kondizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni għall-Istati Membri u sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dawn il-miżuri. Dan huwa partikolarment rilevanti għal miżuri ta' kontroll introdotti fl-ICCAT li jistgħu jiġu interpretati b'mod differenti minn Stati Membri differenti u li huma direttament marbuta ma' kwoti u obbligi internazzjonali oħra.

Waqt li tkellem f'isem il-grupp politiku PPE, is-Sur Jarosław WAŁĘSA (PPE - PL):

- iddikkjara li l-istokkijiet tat-tonn għandhom jiġu rikostitwiti permezz ta' tnaqqis gradwali fil-livelli tal-qabda totali permissibbli. Jinħtieġ ukoll li jiġu imposti limiti aktar stretti fuq sajd f'ċerti żoni u perijodi ta' żmien, u li jiġu introdotti daqsijiet minimi ġodda;
- enfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ l-iskema tal-ICCAT ta' spezzjoni internazzjonali konġunta; u
- qabel li r-regoli għandhom jiġu applikati b'mod uniformi sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni għal dawk kollha involuti fis-sajd tat-tonn. Dan jinkludi operaturi mhux tal-UE, għaliex is-sajjieda tal-UE ma għandhomx jiġu soġġetti għal miżuri aktar stretti.

Waqt li tkellmet f'isem il-grupp politiku S&D, is-Sinjura Renata BRIANO (S&D - IT) appellat għall-appoġġ għall-emenda tal-grupp politiku tagħha, li tikkritika l-monopolju attwali tal-kwota tat-tonn minn intrapriżi kbar u tappella lill-Istati Membri biex jirrevedu s-sistema ta' allokazzjoni bil-ħsieb li jiddistribwixxu l-kwota b'mod aktar ugwali bejn operaturi kbar u dawk żgħar.

Waqt li tkellmet f'isem il-grupp politiku ECR, is-Sinjura Ruža TOMAŠIĆ (ECR - HR) appoġġat ir-rapport tal-Kumitat bħala wieħed bilanċjat tajjeb.

Waqt li tkellmet f'isem il-grupp politiku ALDE, is-Sinjura Izaskun BILBAO BARANDICA (ALDE - ES):

- appellat għat-trattament ugwali ta' operaturi tal-UE u mhux tal-UE;
- enfasizzat il-ħtieġa li jiġu appoġġati operaturi tradizzjonali u fuq skala żgħira, pereżempju fil-Gżejjer Kanarji; u
- appellat lill-Parlament biex ikun involut fit-traspożizzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT. Dan ser jippromwovi t-trasparenza, il-bilanċ u l-leġittimità.

Waqt li tkellmet f'isem il-grupp politiku GUE/NGL, is-Sinjura Anja HAZEKAMP (GUE/NGL - NL) laqgħet il-progress li sar s'issa fir-rikostituzzjoni ta' stokkijiet tat-tonn, iżda enfasizzat il-fatt li dan għadu fuq il-lista l-ħamra tal-ispeċijiet mhedda. Għalhekk hija opponiet l-appoġġ tal-Kummissjoni u r-Relatur biex jiżdiedu l-limiti ta' qbid.

Waqt li tkellem f'isem il-grupp politiku EFDD, is-Sur Marco AFFRONTE (EFDD - IT) saħaq dwar id-dimensjoni tal-ġustizzja soċjali u għalhekk appoġġa l-emenda 41 tal-grupp politiku S&D.

Is-Sinjura Ulrike RODUST (S&D - DE):

- appellat għal kriterji trasparenti u oġġettivi li għandhom jiġu applikati meta jiġu allokati l-kwoti;
- saħqet dwar il-ħtieġa li t-tagħmir ikun effiċjenti fl-użu tal-enerġija u aktar selettiv; u
- enfasizzat il-ħtiġijiet speċjali ta' operaturi żgħar.

Is-Sinjura Paloma LÓPEZ BERMEJO (GUE/NGL - ES) appellat biex tingħata l-attenzjoni dovuta lin-nassa tal-ħut 'almadraba'. Dan it-tagħmir huwa ekoloġiku, selettiv u intensiv mil-lat ta' impjiegi.

Is-Sur Peter van DALEN (ECR - NL) appella lill-Kummissjoni biex tfassal pjan ta' konservazzjoni għall-merluzz tal-Mediterran.

Il-Kummissarju VELLA tkellem għal darb'oħra u:

- irrikonoxxa r-rwol importanti tas-sajd artiġjanali. Il-Kummissjoni tikkondividi fil-parti l-kbira l-interess tal-Parlament fil-preservazzjoni ta' metodi tradizzjonali tas-sajd;
- iddikjara li l-formulazzjoni tal-abbozz ta' rapport tal-Kumitat għas-Sajd mhux dejjem adatta u tista' tqarraq;
- argumenta li n-nases tat-tonn mhumiex l-uniku metodu sostenibbli ta' sajd tat-tonn jew li jipprovdu opportunitajiet importanti ta' impjieg. Dan mhuwiex rifless fl-emendi proposti tal-Kumitat;
- qabel li allokazzjoni ta' kwoti bejn l-irkapti għandha tiġi vvalutata mill-ġdid fid-dawl taċ-ċirkostanzi individwali ta' kull Stat Membru;

- innota l-kummenti fir-rigward tal-almadraba u rrefera għall-kummenti tiegħu dwar is-sajd artiġjanali. Huwa saħaq dwar l-importanza li jiġu mmirati metodi tas-sajd ekoloġiċi u sostenibbli;
- irrikonoxxa d-dimensjoni soċjoekonomika. Il-ġestjoni korretta hija l-unika triq 'il quddiem biex tiġi protetta s-sostenibbiltà, inkluża s-sostenibbiltà ta' elementi soċjoekonomiċi;
- qabel mas-Sinjura Rodust li l-kwoti għandhom ikunu trasparenti. L-Istati Membri kollha għandu jkollhom dan l-għan, flimkien ma' konsum b'selettività għolja u konsum baxx tal-enerġija. Is-sajd artiġjanali fuq skala żgħira jista' jkollu rwol f'dan kollu;
- innota l-appell tas-Sur van Dalen għal pjan ta' konservazzjoni għall-merluzz. Din hija xi ħaġa li tista' tiġi diskussa; u
- tenna l-punt tal-Kummissjoni li l-flessibilità u t-traspożizzjoni rapida jirrikjedu atti delegati aktar milli kodeċiżjoni.

Ir-Relatur tkellem għal darb'oħra u:

- appella biex l-allokazzjoni ta' kwoti tagħti sehem aktar ġust lil operaturi fuq skala żgħira; u
- ċaħad il-ġustifikazzjoni tal-Kummissjoni għal atti delegati. Il-kodeċiżjoni hija l-proċedura korretta li għandha tintuża.

## III. VOT

Meta vvota fil-plenarja fid-19 ta' Jannar 2016, il-Parlament adotta l-41 emenda ppreżentati kollha.

Il-vot dwar ir-riżoluzzjoni leġislattiva mbagħad ġie pospost sabiex il-proposta tiġi riferita lura għal konsiderazzjoni mill-ġdid lill-Kumitat għas-Sajd.

It-test tal-emendi adottati huwa anness għal din in-nota.

<u>**ANNESS**</u>
**(19.1.2016)**

# Pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran ***I

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fid-19 ta' Jannar 2016 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pjan multiannwali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 (COM(2015)0180 – C8-0118/2015 – 2015/0096(COD))**[1]

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Il-pjan għall-irkupru jqis l-ispeċifiċitajiet ta' tipi differenti ta' rkaptu. Hija u timplimenta l-pjan ta' rkupru, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-attivitajiet ta' sajd mhux industrijali u lill-aktar irkapti sostenibbli u artiġjanali, bħan-nases tradizzjonali ("almadrabas", "tonnare"), li jikkontribwixxu b'mod pożittiv ħafna għall-bini mill-ġdid tal-istokkijiet tat-tonn, minħabba l-livell għoli ta' selettività u impatt ambjentali baxx fl-ekosistemi tal-baħar, u li huma ta' valur f'termini xjentifiċi.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) L-emendi kollha tal-pjan ta' rkupru li | (14) L-emendi kollha tal-pjan għall-irkupru |

[1] Il-każ ġie mgħoddi lura lill-kumitat responsabbli biex jerġa jiġi eżaminat skont l-Artikolu 61(2), it-tieni subparagrafu (A8-0367/2015).

| | |
|---|---|
| l-ICCAT adottat fl-2012, fl-2013 u fl-2014 li għadhom ma ġewx trasposti fil-liġi tal-Unjoni jridu ***jiddaħħlu*** fiha. Minħabba li din it-traspożizzjoni tikkonċerna pjan li l-għanijiet u l-miżuri tiegħu ġew iddefiniti mill-ICCAT, dan ir-Regolament ma jkoprix il-kontenut kollu tal-pjanijiet multiannwali stabbiliti skont l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1]. | li l-ICCAT adottat ***fl-2006,*** fl-2012, fl-2013 u fl-2014 li għadhom ma ġewx trasposti jridu ***jiġu trasposti*** fil-liġi tal-Unjoni. Minħabba li din it-traspożizzjoni tikkonċerna pjan li l-għanijiet u l-miżuri tiegħu ġew iddefiniti mill-ICCAT, dan ir-Regolament ma jkoprix il-kontenut kollu tal-pjanijiet multiannwali stabbiliti skont l-Artikoli 9 u 10 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1]. |
| [1]Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354/22, 28.12.2013, p. ***1***). | [1]Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354/22, 28.12.2013, p. ***22***). |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(15) Jeħtieġ li fid-dritt tal-Unjoni jiġu trasposti l-emendi vinkolanti futuri tal-pjan ta' rkupru. Sabiex it-tali emendi jiddaħħlu malajr fid-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa waqt il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Hija u tħejji u tfassal l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-dokumenti rilevanti jintbagħtu b'mod*** | ***imħassar*** |

***simultanju, fil-ħin u kif xieraq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(15a) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jistabbilixxi l-kunċett ta' daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza, il-kunċett tal-ICCAT b'rabta mad-daqsijiet minimi għandu jiġi traspost fid-dritt tal-Unjoni bħala daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni. Konsegwentement, ir-referenzi fir-Regolament ta' Delega tal-Kunsill (UE) 2015/98[1a] għat-tonn għandhom jinqraw bħala referenzi għad-daqsijiet minimi ta' referenza għall-konservazzjoni f'dan ir-Regolament.*** |
| | ***[1a] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/98 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, skont il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku u tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (ĠU L 16, 23.01.2015, p. 23).*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(17) Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jkunu japplikaw immedjatament f'każijiet iġġustifikati kif xieraq marbutin mal-attivitajiet ta' trasferiment u ta' tqegħid fil-gaġeġ u mar-reġistrazzjoni u r-rappurtar tal-attivitajiet tal-bastimenti u tat-tunnari, fejn ikun hemm raġunijiet importanti ħafna ta' urġenza li jeżiġu hekk.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) ***Permezz tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, iddaħħal obbligu ta' ħatt l-art li beda japplika mill-1 ta' Jannar 2015 'il quddiem għall-qabdiet tat-tonn. Madankollu, skont l-Artikolu 15(2) ta' dak ir-Regolament, l-obbligu ta' ħatt l-art huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi internazzjonali tal-Unjoni, bħal dawk li ġejjin mir-Rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT. Skont din l-istess dispożizzjoni, il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati biex timplimenta t-tali obbligi internazzjonali fid-dritt tal-Unjoni, fosthom, b'mod partikulari, d-derogi mill-obbligu tal-ħatt l-art. Għalhekk, għandu jitħalla jiġi skartat it-tonn f'ċerti sitwazzjonijiet stabbiliti fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/98 tat-18 ta' Novembru 2014. Għaldaqstant, dan ir-Regolament m'għandux bżonn ikopri dawn l-obbligi tal-iskartar,*** | (24) ***Ir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/98 jipprevedi derogi mill-obbligu ta' ħatt l-art tat-tonn stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 bil-għan li jkun hemm konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni skont il-Konvenzjoni. Dan jimplimenta ċerti dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni 13-07 tal-ICCAT li tistabbilixxi obbligu ta' skartar u rilaxx għall-bastimenti u n-nases li jaqbdu t-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran f'ċerti sitwazzjonijiet. Għaldaqstant, dan ir-Regolament m'hemmx għalfejn ikopri dawn l-obbligi ta' skartar u rilaxx u konsegwentement ikun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet korrispondenti stabbiliti fir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/98,*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni tal-Pjan ta' rkupru ddefinit fl-Artikolu 3(1) min-naħa tal-Unjoni. | 1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-applikazzjoni tal-Pjan ta' rkupru ddefinit fl-Artikolu 3(1) min-naħa tal-Unjoni, ***filwaqt li jqis il-karatteristiċi speċifiċi tad-diversi tipi ta' rkaptu u jagħti attenzjoni partikolari lil irkapti tradizzjonali, aktar sostenibbli u artiġjanali, bħan-nases.*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – punt 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(16) "kapaċità ta' trobbija tal-ħut" tfisser il-kapaċità ta' farm tal-ħut li jżomm il-ħut għall-finijiet tat-tismin jew tat-trobbija tiegħu f'tunnellati";*** | ***imħassar*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li ***l-attivitajiet*** tas-sajd tal-bastimenti tal-qbid u tat-tunnari tiegħu jkunu proporzjonati mal-opportunitajiet tas-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran li huwa jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu. | 1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li ***l-isforz*** tas-sajd tal-bastimenti tal-qbid u tat-tunnari tiegħu jkunu proporzjonati mal-opportunitajiet tas-sajd għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran li huwa jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu***, u jissavalvagwardja l-vijabilità soċjoekonomika tan-nases tiegħu***. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-pjan annwali għas-sajd imressaq minn kull Stat Membru għandu jipprevedi it-tqassim ekwu tal-kwoti bejn il-gruppi tal-irkaptu bil-għan li jiżgura konformità mal-kwoti individwali u l-kwoti ta' qabdiet inċidentali.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri għandhom jużaw kriterji trasparenti u oġġettivi, inklużi dawk ta' natura ambjentali, soċjali u ekonomika, għall-allokazzjoni nazzjonali tal-kwoti, u jqisu b'mod speċjali l-preservazzjoni u l-prosperità ta' sajjieda li jiżvolġu attivitajiet ta' sajd fuq skala żgħira, artiġjanali u tradizzjonali bl-użu ta' nases u metodi selettivi oħra ta' sajd, u jħeġġu metodi bħal dawn*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru partikulari li jkunu qed jistadu għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun limitat għall-għadd ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru li jkunu stadu għat-tonn, żammewh abbord, ittrażbordawh, ittrasportawh jew ħattewh l-art fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-1 ta' Lulju 2008***, u għat-tunnellaġġ gross totali korrispondenti***. Dak il-limitu għandu japplika skont it-tip ta' rkaptu għall-bastimenti tal-qbid. | 3. L-għadd massimu ***u t-tunnellaġġ gross korrispondenti*** ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru partikolari li jkunu qed jistadu għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun limitat għall-għadd, u għat-tunnellaġġ gross totali korrispondenti, ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' dak l-Istat Membru li jkunu stadu għat-tonn, żammewh abbord, ittrażbordawh, ittrasportawh jew ħattewh l-art fil-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-1 ta' Lulju 2008. Dak il-limitu għandu japplika skont it-tip ta' rkaptu għall-bastimenti tal-qbid. |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. B'deroga mill-paragrafi 2, 3, u 5, l-Istati Membri għandhom jirrieżaminaw is-sistema tal-kwoti tas-sajd tat-tonn, li tippenalizza lis-sajjieda li jistadu fuq skala żgħira, bil-għan li jitneħħa l-monopolju li hu eżerċitati fil-preżent mis-sidien ta' bastimenti kbar u jiġu inkoraġġiti sistemi tas-sajd aktar sostenibbli bħalma huma dawk użati għas-sajd fuq skala żgħira.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. ***B'deroga mill-paragrafi 3 u 6,*** għall-2015, l-2016 u l-2017, kull Stat Membru għandu jillimita l-għadd ta’ bastimenti tas-sajd bil-purse seine tiegħu ***li ma jkunux awtorizzati jistadu għat-tonn skont id-deroga msemmija fl-Artikolu 13(2)(b)*** għall-għadd ta’ bastimenti tas-sajd bil-purse seine li huwa jkun awtorizza fl-2013 jew fl-2014. | 7. Għall-2015, l-2016 u l-2017, kull Stat Membru għandu jillimita l-għadd ta’ bastimenti tas-sajd bil-purse seine tiegħu għall-għadd ta’ bastimenti tas-sajd bil-purse seine li huwa awtorizza fl-2013 jew fl-2014. ***Dan m'għandux japplika għal bastimenti tas-sajd bil-purse seine li joperaw taħt id-deroga prevista mill-punt (b) tal-Artikolu 13(2).*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Is-sajd għat-tonn bi rkaptu ieħor minbarra dak imsemmi fil-paragrafi 1 sa 4 u fl-Artikolu 11, fosthom bit-tunnari, għandu jkun permess matul is-sena kollha. | 5. Is-sajd għat-tonn bi rkaptu ieħor minbarra dak imsemmi fil-paragrafi 1 sa 4 u fl-Artikolu 11, fosthom bit-tunnari għandu jkun permess matul is-sena kollha***, f'konformità mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni tal-ICCAT***. |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Kapitolu III – Taqsima 2 - titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| DAQS MINIMU, QABDIET INĊIDENTALI MIŻMUMIN U QABDIET INĊIDENTALI TOTALI | DAQS MINIMU ***TA' REFERENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI***, QABDIET INĊIDENTALI MIŻMUMIN U QABDIET INĊIDENTALI TOTALI |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, inkluża kwalunkwe ***deroga skont l-Artikolu 15(2) ta' dak ir-Regolament***. | Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, inkluża kwalunkwe ***deroga applikabbli***. |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Daqs minimu* | Daqs minimu ***ta' referenza għall-konservazzjoni*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Id-daqs minimu tat-tonn maqbud fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun ta' 30 kg jew ta' 115-il ċm f'tul sal-furketta. | 1. Id-daqs minimu ***ta' referenza għall-konservazzjoni*** tat-tonn maqbud fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun ta' 30 kg jew ta' 115-il ċm f'tul sal-furketta. |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| B'deroga mill-paragrafu 1, għandu japplika daqs minimu għat-tonn ta' 8 kg jew ta' ***75 ċm*** f'tul sal-furketta fil-każijiet tas-sajd li ġejjin: | B'deroga mill-paragrafu 1, għandu japplika daqs minimu ***ta' referenza għall-konservazzjoni*** għat-tonn ta' 8 kg jew ta' ***75 cm*** f'tul sal-furketta fil-każijiet tas-sajd li ġejjin: |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jekk il-kwota allokata għall-Istat Membru tal-bastiment tas-sajd ikkonċernat jew tat-tunnara kkonċernata tkun diġà ntużat kollha, għandu jiġi evitat li jinqabad kwalunkwe tonn. It-tonn mejjet għandu jinħatt l-art u jiġi kkonfiskat u għandha tittieħed azzjoni xierqa ta' segwitu marbuta miegħu. F'konformità mal-Artikolu 27, kull Stat Membru għandu jibgħat it-tagħrif dwar it-tali kwantitajiet fuq bażi annwali lill-Kummissjoni li, min-naħa tagħha, għandha tibagħtu lis-Segretarjat tal-ICCAT. | 4. Jekk il-kwota allokata għall-Istat Membru tal-bastiment tas-sajd ikkonċernat jew tat-tunnara kkonċernata tkun diġà ntużat kollha, għandu jiġi evitat li jinqabad kwalunkwe tonn. It-tonn mejjet għandu jinħatt l-art ***sħiħ u mhux ipproċessat***, u għandu jiġi kkonfiskat u għandha tittieħed azzjoni xierqa ta' segwitu marbuta miegħu. F'konformità mal-Artikolu 27, kull Stat Membru għandu jibgħat it-tagħrif dwar it-tali kwantitajiet fuq bażi annwali lill-Kummissjoni li, min-naħa tagħha, għandha tibagħtu lis-Segretarjat tal-ICCAT. |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Kapitolu III - Taqsima 3 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| UŻU ***TAL-INĠENJI TAL-AJRU*** | UŻU ***TA' MEZZI TA' TRASPORT BL-AJRU*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. It-tonn kollu li jinħatt l-art għandu jinħatt sħiħ, bil-garġi mneħħijin u mnaddaf. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura, sa fejn huwa possibbli, ir-rilaxx ta' tonn maqbud ħaj, speċjalment ta' età żgħira, fil-kuntest tas-sajd rikreattiv u sportiv.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) lista tal-bastimenti kollha tal-qbid li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu awtorizzati jistadu b’mod attiv għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran billi tkun inħarġitilhom awtorizzazzjoni ***speċjali*** tas-sajd għal dan; ***u*** | (a) lista tal-bastimenti kollha tal-qbid li jtajru l-bandiera tiegħu li jkunu awtorizzati jistadu b'mod attiv għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran billi tkun inħarġitilhom awtorizzazzjoni tas-sajd għal dan; |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 19a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 19a*** |
| | ***Ir-rabta mar-Regolament (KE) Nru 1224/2009*** |
| | ***Il-miżuri ta' kontroll previsti minn dan il-Kapitolu għandhom japplikaw flimkien ma' dawk previsti mir-Regolament (KE) Nru 1224/2009, ħlief fejn ikun previst mod ieħor f'dan il-Kapitolu.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 20 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jirtira l-awtorizzazzjoni tas-sajd għat-tonn u ***għandu*** jitlob lill-bastiment jipproċedi immedjatament lejn port magħżul minnu meta jitqies li tkun ġiet eżawrita l-kwota individwali. | 2. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jirtira l-awtorizzazzjoni tas-sajd għat-tonn u ***jista'*** jitlob lill-bastiment jipproċedi immedjatament lejn port magħżul minnu meta jitqies li tkun ġiet eżawrita l-kwota individwali. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 21 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sal-15 ta' Frar ta' kull sena, kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni, b'mod elettroniku, lista tat-tunnari kollha tiegħu li jkunu awtorizzati jintużaw għas- | 1. Sal-15 ta' Frar ta' kull sena, kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni, b'mod elettroniku, lista tat-tunnari kollha tiegħu li jkunu awtorizzati jintużaw għas- |

| | |
|---|---|
| sajd għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran billi tkun inħarġitilhom awtorizzazzjoni ***speċjali*** tas-sajd għal dan. Dik il-lista għandha tinkludi isem it-tunnari u n-numru tagħhom fir-reġistru u għandha tiġi stabbilita skont il-format mogħti fil-Linji Gwida tal-ICCAT għat-tressiq tad-dejta u tat-tagħrif meħtieġa. | sajd għat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran billi tkun inħarġitilhom awtorizzazzjoni tas-sajd għal dan. Dik il-lista għandha tinkludi isem it-tunnari u n-numru tagħhom fir-reġistru u għandha tiġi stabbilita skont il-format mogħti fil-Linji Gwida tal-ICCAT għat-tressiq tad-dejta u tat-tagħrif meħtieġa. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 24 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għal raġunijiet importanti ħafna ta' urġenza ġġustifikati kif xieraq, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jkunu japplikaw mill-ewwel skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 59(3).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 29 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Fejn l-Istati Membri japplikaw l-Artikolu 80(3) tar-Regolament (UE) Nru 404/2011 għan-notifika msemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-istima tal-kwantitajiet ta' tonn miżmum abbord tista' tintbagħat fil-ħin miftiehem tan-notifika qabel il-wasla. | 3. Fejn l-Istati Membri japplikaw l-Artikolu 80(3) tar-Regolament ***ta' Implimentazzjoni*** (UE) Nru 404/2011 għan-notifika msemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-istima tal-kwantitajiet ta' tonn miżmum abbord tista' tintbagħat fil-ħin miftiehem tan-notifika qabel il-wasla. ***Jekk il-postijiet għas-sajd huma inqas minn erba' sigħat bogħod mill-port, l-istima tal-kwantitajiet ta' tonn miżmum abbord tista' tinbidel fi kwalunkwe ħin qabel il-wasla.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 37 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għal raġunijiet importanti ħafna ta' urġenza ġġustifikati kif xieraq, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jkunu japplikaw mill-ewwel skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 59(3).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 46 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għal raġunijiet importanti ħafna ta' urġenza ġġustifikati kif xieraq, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jkunu japplikaw mill-ewwel skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 59(3).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 47 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li ċ-Ċentri tal-Monitoraġġ tas-Sajd tagħhom jgħaddu l-messaġġi tal-VMS li jaslu mill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom lill-Kummissjoni u lil korp magħżul minnha f'ħin reali u billi jużaw il-format "https data feed"***. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dawn il-messaġġi b'mod elettroniku lis-Segretarjat tal-ICCAT. | 4. L-Istati Membri għandhom ***jittrażmettu d-data prevista minn dan l-Artikolu skont l-Artikolu 28 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011***. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dawn il-messaġġi b'mod elettroniku lis-Segretarjat tal-ICCAT. |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) matul kull trasferiment minn farm għal ieħor;*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 49 – paragrafu 5 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) li jiġu osservati u mmonitorjati l-operazzjonijiet tas-sajd u t-trobbija tal-ħut f'konformità mal-miżuri għall-konservazzjoni u l-ġestjoni rilevanti tal-ICCAT;*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 57**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 57*** | ***imħassar*** |
| ***Proċedura għall-emendi*** | |
| ***1. Sa fejn huwa meħtieġ, sabiex fid-dritt tal-Unjoni jiġu inkorporati l-emendi tad-dispożizzjonijiet eżistenti tal-pjan għall-irkupru tat-tonn li jsiru obbligatorji għall-Unjoni, il-Kummissjoni tista' temenda d-dispożizzjonijiet mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament permezz ta' atti delegati adottati skont l-Artikolu 58.*** | |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 58**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 58*** | ***imħassar*** |
| ***Eżerċizzju tad-delega għall-emendi*** | |
| ***1. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta atti delegati bil-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*** | |
| ***2. Il-Kummissjoni għandha tingħata d-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 57 għal perjodu taż-żmien mhux determinat.*** | |
| ***3. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu jirrevokaw id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 57 fi kwalunkwe ħin. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-Deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Hija m'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ.*** | |
| ***4. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin dwaru.*** | |
| ***5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 57 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jqajmu oġġezzjoni għalih fi żmien xahrejn minn meta dak l-att jiġi mgħarraf lilhom jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn ikunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.*** | |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 59 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 61 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ***fit-tielet jum*** wara ***dak*** tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. | Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ ***fl-għoxrin jum*** wara ***l-jum*** tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Minbarra d-dispożizzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 8(3), l-għadd massimu ta' bastimenti tal-qbid li huma awtorizzati jistadu għat-tonn fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet tat-trobbija tal-ħut bil-kundizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għad-deroga msemmija fl-Artikolu 13(2)(b) għandu jkun l-għadd ta' bastimenti tal-qbid tal-Unjoni li jkunu ħadu sehem fis-sajd dirett għat-tonn fl-2008. | 2. Minbarra d-dispożizzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 8(3), l-għadd massimu ta' bastimenti tal-qbid li huma awtorizzati jistadu għat-tonn fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet tat-trobbija tal-ħut bil-kundizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għad-deroga msemmija fl-Artikolu 13(2)(b) għandu jkun l-għadd ta' bastimenti tal-qbid tal-Unjoni li jkunu ħadu sehem fis-sajd dirett għat-tonn fl-2008. ***Għal dak il-għan, għandu jitqies l-għadd ta' bastimenti tal-qbid Kroati li fl-2008 ipparteċipaw fis-sajd dirett għat-tonn.*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Anness IV – punt 2 – linja 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għadd ta' ħut: Speċi: | Għadd ta' ħut: Speċi: ***Piż:*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Anness VII – punt 7 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***a*** jingħataw aċċess għall-persunal tal-bastimenti ***u*** tal-farms tal-ħut u għall-irkaptu, il-gaġeġ u t-tagħmir; | (a) jingħataw aċċess għall-persunal tal-bastimenti***,*** tal-farms tal-ħut ***u tan-nases*** u għall-irkaptu, il-gaġeġ u t-tagħmir; |